MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Numru. 171/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs.**

**Jeremy James Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Jeremy James Farrugia ta' 24 sena iben Emanuel u Catherine nee' Saydon, mwieled Pieta fil-11 ta' Novembru 1984 u residenti 69, Triq Paris, Zebbug, detentur tal-karta ta' l-identita 558384 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Gunju 2009 u fix-xhur ta' qabel kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija titratta mal-imputat Jeremy James Farrugia talli huwa ricediv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghu jigu mibdula.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti  bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat,  il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, u li l-fedina penali refrattarja tieghu bi 19-il kundanna u li l-imputat huwa ricediv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat  l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) xhur habs effettivi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------